# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2020

**Rikors Numru : 436/2019 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**LG**

**Vs**

**DG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' LG, datat 26 ta' Settembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti LG u l-intimat DG iżżewwġu fil-knisja parrokjali tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) u ż-żwieġ tagħhom jinsab reġistrat fir-Reġistru Pubbliku biċ-ċertifikat taż-Żwieġ numru elf seba' mija u tnejn tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1702/1997) (Dok A).*

*Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tifla waħda, Ylenia Gatt, li llum għandha 18-il sena.*

*Illi l-partijiet ilhom jgħixu mifrudin għal aktar minn disa' snin, u sseparaw legalment b'att tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech tat-13 ta' Jannar 2010 (Dok B).*

*Illi l-esponenti u żewġha Donald Gatt huma finanzjarjament indipendenti minn*

*xulxin, u għandhom il-mezzi biex jipprovdu għalihom innfushom, u għalhekk ħadd minnhom ma jippretendi ebda ħlas ta' manteniment mingħand l-ieħor, la għaż-żmien li għadda u lanqas għall-futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi, il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt li jitolbu jew jirċievu manteniment mingħand xulxin.*

*Illi l-intimat dejjem ħallas il-manteniment sħiħ dovut lill-intimata għall-bżonnijiet ta' binthom, u lanqas ma hemm kwistjonijiet bejn il-kontendenti fir-rigward.*

*Illi ma hemm ebda prospettiva ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.*

*Illi għalhekk jeżistu l-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili.*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:*

*(1) Tordna l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti reġistrat bl-Att taż-Żwieġ imsemmi numru 1702/1997;*

*(2) Tordna lir-Reġistratur javża b'dan kollu lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li għandu jipproċedi għar-reġistrazzjoni tal-istess.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' DG datata 17 ta' Diċembru 2019 (a fol 13 tal-proċess) fejn dan irrisponda hekk:

*Illi l-esponent ġie notifikat bir-rikors odjern bi żmien utli għar-risposta tiegħu.*

*Illi l-esponenti f'posizzjoni jikkonferma l-kontenut tal-premessi fir-rikors u jista ukoll jikkonferma l-veraċita tad-dokumenti annessi flimkien mal-istess rikors.*

*Illi in vista tal-premess, l-esponent m'għandu l-ebda oġġezzjoni għall ippronunzjar tal-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.*

*Daqstant għandu l-unur jissottometti l-esponent.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

LG xehdet bil-ġurament (fol 16) li hija izzewwġet lil DG fit-12 ta' Ottubru 1997, u li minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, illum maġorenni, imma għadha tistudja. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni. Mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni personali 'l hawn, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas hemm xi tama li din ir-rikonċiljazzjoni sseħħ. Xehdet li manteniment dejjem tħallas u ma hemmx arretrati dovuti.

DG xehed (fol 18) u ikkonferma u ikkorrabora dak li xehdet martu LG.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew***

***ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu fit-tnax ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin – dok A, fol 3 u li minn dan iż-żwieġ kellhom tifla illum maġorenni imma għadha tistudja.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ritianne Bugeja Fenech datat 13 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra - dok B fol 4 - u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi. Jirrizulta ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-

zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**